# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum it-Tnejn 27 ta' Marzu, 2023

**Kawża Nru. 4**

**Rik. Nru. 505/2022 ISB**

**Mario Philip Azzopardi (K.I.Nru: 51251(M))**

**vs**

**Emanuel Delia (K.I.Nru: 0560176(M))**

**<u>DIGRIET MOGHTI FIL-MIFTUH GĦAR-RIKORS IMRESSAQ MINN MARIO PHILIP AZZOPARDI FL-20 TA' JANNAR 2023 SABIEX JINBIDEL L-OKKJU TAL-KAWŻA AI TERMINI TAL-ARTIKOLU 175 TAL-KAP 12</u>**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**rikors** ta' **Mario Philip Azzopardi**, intavolat fl-20 ta' Jannar 2023 (fol 161) li tiegħu talab lil din il-Qorti:

> *"...tvarja l-okkju tal-kawża billi jiġu miżjuda wara isem l-esponenti l-kliem "f'ismu propju u bħala rappreżentant tas-soċjeta' Staġun Teatru Malta (C65648)."*

Rat illi fl-udjenza tal-25 ta' Jannar 2023, il-partijiet trattaw ir-rikors.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-kawza giet intavolta b'Rikors Guramentat tal-10 ta' Gunju 2022.

Illi fis-6 ta' Lulju 2022 giet pprezentata ir-Risposta Guramentata.

Illi fl-udjenza tal-11 ta' Lulju 2022 "*bi qbil mad-difensuri tal-partijiet, il-Qorti ordnat illi l-partijiet jressqu l-provi limitatament ghall-ewwel eccezzjoni mressqa u dan bil-ghan illi l-Qorti tittratta u tiddeciedi l-ewel dik l-istess eccezzjoni f'sentenza preliminari*".

Illi b]nota tad-9 ta' Awissu 2022, ir-rikorrenti pprezenta zewg affidavits, wiehed tar-rikorrenti personalment u iehor tar-rikorrenti ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Stagun Teatru Malta.

Illi fl-udjenza tas-7 ta' Novembru 2022, l-intimat pprezenta nota b'dokument u permezz taghha l-intimat iddikjara li kien "*qed jaghlaq il-provi tieghu dwar l-ewwel eccezzjoni minnhu mressqa*". F'din l-istess seduta, id-difensur tar-rikorrent iddikjara illi salv ghall-ezami tad-dokument li kien ghadu kif tressaq mill-intimat ma kellux aktar provi xi jressaq b'zieda mal-affidavits fuq msemmija.

Illi f'dik l-istess seduta il-kawza thalliet ghalhekk ghall-provi li seta' kien fadal da parti tar-rikorrent u finali trattazzjoni dwar l-istess eccezzjoni preliminari, u fl-20 ta' Jannar 2023, hamest'ijiem qabel is-seduta ghal dan il-ghan, tressaq ir-rikors odjern.

Illi permezz tar-**rikors** odjern l-attur **Mario Philip Azzopardi** talab lil din il-Qorti sabiex tvarja l-okkju tal-kawża u dana ai termini tal-fakolta` mogħtija lilu bl-Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Jispjega li fl-ewwel eċċezzjoni mressqa fir-risposta tiegħu, il-konvenut iddikjara li r-rikorrent ma huwiex il-propjetarju tad-drittijiet tal-awtur ai termini tal-Artikolu 3(1)(d) tal-Kapitolu 415 u l-Artikolu 4 tal-Kapitolu 488 tal-Liġijiet ta' Malta. Jgħid li in vista ta' dan, fuq ordni tal-Qorti, il-partijiet ressqu l-provi tagħhom rigward tali eċċezzjoni li fil-każ tal-intimat kienu jikkonsistu f'artiklu meħud minn fuq sit elettroniku miktub minn ġurnalist fuq każ totalment separat minn dak odjern.

Jgħid li għalhekk talab lil Qorti sabiex jagħmel użu mill-fakolta` mogħtija lilu mill-Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jiġi kkjarifikat illi l-attur qiegħed jidher f'ismu propju u kif ukoll bħala rappreżentant tas-soċjeta *Staġun Teatru Malti*.

Fit-**trattazzjoni** tiegħu l-attur jispjega li l-mertu tal-kawża odjerna jikkonċerna *script* li nkiteb mill-attur iżda ai fini tal-Manoel Theatre li magħha kien hemm ftehim dwar dan

l-istess *script,* dan l-*iscript* kien jappartjeni lill-kumpanija Staġun Teatru Malta. Jikkontendi li jekk kemm -il darba hemm dubju jekk l-attur huwiex l-awtur, din ser tiġi ppruvata fil-mori tal-kawża, mentri jekk hija tal-kumpanija, mela allura m'hemmx il-ħtieġa li jinbdew proċeduri mill-ġdid mill-istess kumpanija, li wara kollox tappartjeni lill-attur, iżda jista' jitranġa l-okkju u l-kawża tipproċedi. Jgħid li ma kienx żball jew żvista li l-kumpanija ma ddaħħlitx fil-kawża, iżda hemm spjegazzjoni legali.

Minn naħa tiegħu l-intimat **Emanuel Delia** jgħid li ma jistax ikun li żball fl-okkju li jimmerita l-eċċezzjoni preliminari tal-leġittimu kontradittur tiġi sanata b'interpretazzjoni wiesa ħafna tal-Artikolu 175 tal-Kap 12 u dana stante li kieku kellu jsir dan, il-prinċipju tal-eċċezzjoni tal-leġittimu kontradittur tista' dejjem tiġi sanata b'dan il-mod. Isostni li n-natura tar-raġuni għalfejn hemm l-artikolu 175 huwa sabiex meta jkun hemm żball dan ikun jista' jiġi sanat u mhux biex f'nofs kawża, wara li saret eċċezzjoni, din tiġi sanata.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

L-attur qiegħed jibbaża t-talba tiegħu fuq l-**Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** li jgħid testwalment hekk:

> ***175.****(1) Il-qorti tista', f'kull waqt tal-kawża, qabel is-sentenza, wara talba ta' waħda mill-partijiet, wara li tisma' meta jeħtieġ lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta' xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jiżdied jew jitneħħa l-isem ta' waħda mill-partijiet u jitqiegħed ieħor floku, jew billi jissewwa żball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull żball ieħor jew billi jiddaħħlu ħwejjeġ oħra ta' fatt jew ta' dritt ukoll permezz ta' nota separata, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża.*

Dak li trid tara din il-Qorti ghalhekk, fil-kuntest u fid-dawl tar-rikors hawnekk deciz, huwa jekk it-talba maghmula "*tbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-mertu tal-kawza*".

Jiġi osservat dak li qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, riċentament, fid-digriet tagħha datat l-4 ta' Marzu 2022 fl-ismijiet **Alfred Schwab vs Mr Green Limited**, fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

> *Ta' min iżomm f'moħħu hawnhekk, li l-artikolu 175 huwa mxekkel milli jintuża, jekk it-tiswija tkun tolqot xi eċċezzjoni dwar il-mertu tal-kawża u mhux meta din tolqot xi eċċezzjoni proċedurali jew preliminari;*

Il-Qorti tosserva wkoll dak li qalet din il-Qorti, diversment preseduta, fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Avv. Dr Mark Attard Montaldo et noe vs Salvatore sive Silvio Bugeja** tad-19 ta' Mejju 2022, fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

> *L-Artiklu 175 tal-Kodiċi ritwali jagħti lill-Qorti setgħat ferm wiesa' biex issewwi difetti fl-atti, sakemm dak li tagħmel jew tordna ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-mertu tal-kawża.*

Ukoll, issir referenza ghad-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza **APS Bank Plc vs G.Caruana & Bros et**, moghti fit-12 ta' Dicembru 2019 fejn intqal hekk:

> *Illi huwa minnu li jekk tintlaqa' l-korrezzjoni, dan jista' teffettwa l-eċċezzjoni tan-nullita` mressqa minn uħud mill-konvenuti. B'danakollu, kif fuq spjegat, il-leġislatur, meta fi żminijiet riċenti fl-Art. 175(1) tal-kodiċi ritwali wara l-kliem "jiddaħħlu ħwejjeġ oħra ta' fatt jew ta' dritt… sakemm sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni" żied il-kliem "fuq il-mertu tal-kawża" huwa kompla jikkwalifika u allura jillimita iktar l-istanzi fejn <u>ma jistax isir tibdil</u>, billi issa jippermetti saħanistra bdil bla ebda limitu fis-sustanza tal-azzjoni jew tal-eċċezzjoni li jkun ta' natura proċedurali u mhux fuq il-mertu.*

Finalment, il-Qorti tosserva wkoll dak li qalet din il-Qorti, diversment preseduta, fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Angelo Abela vs Lawrence Briffa et**[1] deċiża fl-10 ta' Diċembru 2020, fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

> "*Illi kwantu ghall-korrezzjoni tal-okkju din ma tistax tintlaqa' ai termini tal-Artikolu 175 tal-Kap 12 ghaliex kif jargumentaw ben tajjeb il-konvenuti fin-nota taghhom, John Abela bhala likwidatur huwa persuna distinta u separata minn Angelo Abela u ma jistax f' dan l-istadju jizdied mal-attur ghaliex b'hekk tkun qed titbiddel "fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-mertu tal-kawza."*

Il-Qorti m'għandha xejn xi żżid ma' dan l-insenjament ħlief li tagħmlu tagħha.

Minghajr ma tidhol fil-mertu tal-ewwel eccezzjoni tal-intimat, li l-provi dwarha ghadhom mhux maghluqa u li ghad trid tigi trattata u determinata, il-Qorti trid tosserva illi r-rikorrenti qed iressaq l-azzjoni tieghu ai termini tal-KAP 415 tal-Ligijiet ta' Malta, li espressament jghid illi "*jagħmel provvedimenti ġodda dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet oħra relatati*".

---

[1] Dan il-każ kien jirrigwarda kumpanija (Ta' Ganza Cash & Carry Ltd) li d-direttur tagħha kien l-attur (Angelo Abela) li daħlet fi ftehim ta' kera mal-konvenuti. Il-Konvenuti qajmu l-eċċezzjoni li għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju stante li l-ftehim kien mal-kumpanija (li sa dakinhar kienet fi stralċ) u mhux mal-Attur. L-Attur sussegwentament talab li ssir korrezzjoni fl-okkju sabiex jiġi nkluż l-istralċjarju għan-nom tal-kumpanija.

Ulterjorment tosserva illi r-rikorrenti fl-ewwel premessa tar-Rikors Guramentat promotur tieghu jiddikjara bil-gurament illi "*huwa l-awtur tax-xoghol letterarju*" mertu tal-kawza, filwaqt illi fil-hames premessa tar-rikors guramentat, huwa jiddikjara illi l-azzjoni tieghu hija "*mibnija fuq id-drittijiet tal-awtur protetti mill-Ligi*". Ulterjorment huwa jiddikjara fis-sitt premessa tieghu illi "*huwa detentur tad-drittijiet tal-awtur*".

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi l-Qorti jidhrilha illi anke jekk gie deciz, bi qbil bejn il-partijiet, illi din l-eccezzjoni tigi deciza b'sentenza separata, u allura jista' jinghad illi giet trattata bhala eccezzjoni preliminari, b'dana kollu din ma tistghax titqies bhala eccezzjoni procedurali, izda hija eccezzjoni illi tolqot il-mertu tal-kawza in kwantu illi l-ezitu taghha jista' anke joqtol addirittura l-azzjoni odjerna.

Il-Qorti ma tistghax ma tosservax illi din it-talba tressqet wara li l-partijiet kienu prattikament ghalqu l-provi taghhom fir-rigward tal-istess eccezzjoni, u fi stadju fejn kien jonqos biss l-ezami ta' dokument u trattazzjoni.

Il-Qorti tqis illi t-talba maghmula mill-attur ghalhekk tinkwadra f'dak li tghid il-ligi u l-insenjament tal-Qrati taghna, fis-sens illi korrezzjoni jew zieda kif mitlub, tmur biex tbiddel is-sustanza anke fid-dawl tal-ewwel eccezzjoni li tressqet u li ghad trid tigi deciza.

**Għaldaqstant, din il-Qorti qed tghaddi biex tiċħad it-talba tal-attur kif kontenuta fir-rikors tieghu tal-20 ta' Jannar 2023.**

**Tordna il-prosegwiment tal-kawża ghall-provi li baqa' u sabiex tisma' kwalsiasi trattazzjoni dwar l-ewwel eccezzjoni u eventwalment id-decizjoni dwar l-istess.**

**L-ispejjeż ta' din il-proċedura jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.**

**Digriet moghti fil-miftuh illum it-Tnejn 27 ta' Marzu 2023.**

| | |
|---|---|
| **Onor. Ian Spiteri Bailey**<br>**Imhallef** | **Marisa Bugeja**<br>**Deputat Registratur** |